# ALLA U L-ĦOLQIEN TIEGĦU

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb tal-Għerf.**
**Għerf 11, 22-12, 2**

Quddiemek, Mulej, id-dinja kollha
qisha traba li taqleb il-miżien,
qisha qatra nida tal-għodwa
li tinżel fuq l-art.

Iżda int tħenn għal kulħadd,
għax inti tista' kollox;
Int tagħlaq għajnejk għad-dnubiet tal-bnedmin,
biex huma jindmu minnhom.
Għax inti tħobb il-ħlejjaq kollha,
u ma tistmell xejn minn kull ma għamilt:
Kieku kien hemm xi ħaġa li stajt tobgħodha,
int ma kontx tagħmilha.
Kif setgħet tibqa' xi ħaġa fid-dinja
kieku int ma ridthiex?
Jew kif setgħet iżżomm
kieku int ma sejjaħtilhiex?
Imma int għandek mogħdrija għal kollox;
għax kollox tiegħek,
o Sid, ħabib ta' kull ma fih il-ħajja,
int, li f'kull ħaġa
jinsab in-nifs tiegħek li ma jinqeridx.
Għalhekk inti twiddeb bil-ftit il-ftit
lil dawk li jonqsu,
Twissihom u tfakkarhom fejn jidinbu,
biex jerġgħu lura mill-ħażen tagħhom,
u jqiegħdu fik, Mulej, it-tama tagħhom.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 144**
**Alla tiegħi, Sultan, inbierek ismek għal dejjem.**

Ngħollik, Alla tiegħi, Sultan,
u nbierek ismek għal dejjem ta' dejjem.
Kull jum inbierkek
u nfaħħar ismek għal dejjem ta' dejjem.

**R/. Alla tiegħi, Sultan, inbierek ismek għal dejjem.**

Il-Mulej tajjeb u ħanin,
idum ma jagħdab, u kollu tjieba.

Twajjeb il-Mulej ma' kulħadd,
u ħnientu akbar minn kull ma għamel.

**R/. Alla tiegħi, Sultan, inbierek ismek għal dejjem.**

Kull ma għamilt iroddlok ħajr, Mulej,
u ħbiebek iberkuk;
Is-sebħ tas-saltna tiegħek ixandru,
fuq is-setgħa tiegħek jitkellmu.

**R/. Alla tiegħi, Sultan, inbierek ismek għal dejjem.**

Fidil il-Mulej f'kull kelma tiegħu,
twajjeb fl-għemil tiegħu kollu.
Iwieżen il-Mulej kull min se jaqa',
u jqajjem 'il kull min imil.

**R/. Alla tiegħi, Sultan, inbierek ismek għal dejjem.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mit-Tieni Ittra ta' San Pawl Appostlu lit-Tessalonkin.**
**2 Tess 1, 11-2, 2**

Ħuti: Aħna dejjem nitolbu għalikom li Alla tagħna jagħmilkom denji tas-sejħa tiegħu, u jagħmel li, bil-qawwa tiegħu, isseħħ kull rieda tajba tagħkom għall-ġid u kull ħidma tal-fidi tagħkom. U hekk, permezz tagħkom ikun imsebbaħ l-isem ta' Sidna Ġesu' u hu jsebbaħ lilkom skond il-grazzja ta' Alla tagħna u l-Mulej Ġesu' Kristu.
Ħuti, għal dak li għandu x'jaqsam mat-tieni miġja ta' Sidna Ġesu' Kristu u l-ġemgħa tagħna biex ningħaqdu miegħu, nitolbukom biex ma toqogħdux malajr tħawdu raskom u tinkwetaw ruħkom bħallikieku l-miġja ta' Jum il-Mulej qorbot, u la jekk tkunu mnebbħin mill-ispirtu, u anqas jekk tisimgħu xi kelma jew taqraw xi ittra taparsi minn għandna.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujah.**
Ishru, u kunu lesti,
għax ma tobsruha qatt is-siegħa
li fiha jiġi Bin il-Bniedem.
**Hallelujah.**

**✠L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa.**
**Lq 19, 1-10**

F'dak iż-żmien: Ġesu' daħal Ġeriko u kien għaddej mit-triqat tagħha. Mela jkun hemm raġel, jismu Żakkew; dan kien wieħed mill-kapijiet tal-publikani, u kien għani. Kellu xewqa li jara min kien Ġesu', imma ma setax minħabba fil-folla, billi kien raġel

qasir. Għalhekk mar jiġri 'l quddiem u tela' ma' tina selvaġġa, għax minn dik in-naħa kien se jgħaddi. Ġesu' kif wasal hemm, ħares 'il fuq u qallu: "Żakkew, isa, inżel minn hemm, għax illum jeħtieġli noqgħod għandek.'' Dak niżel bla telf ta' żmien, u kollu ferħan laqgħu għandu. In-nies, meta rawh, ilkoll bdew igemgmu bejniethom u jgħidu li għand wieħed midneb daħal jistrieħ. Imma Żakkew, wieqaf, qal lill-Mulej: "Ara, Mulej, nofs ġidi se nagħtih lill-foqra, u jekk jien sraqt xi ħaġa lil xi ħadd b'rapporti foloz, irroddhielu għal erba' darbiet iżjed.' Qallu Ġesu': "Illum lil din id-dar ġietha s-salvazzjoni, għax hu wkoll bin Abraham. Għax Bin il-bniedem ġie jfittex u jsalva l-mitluf.''

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir Lilek Kristu.**